MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2015

Talba Numru. 723/2014

**I.G. Enterprises Limited [C 18849] u**
**Ivan Zammit [ID 479166 M]**

**vs**

**Epp Aasaru**
**[Pass. No. A A0539945]**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi flimkien u solidalment bejniethom jaghmlu riferenza ghal kuntratt ta' kirja ta' vettura Chevrolet Aveo bin-numru ta' registrazzjoni EBK 884 datata 12 ta' Settembru 2014 lill-konvenuta Epp Aasaru, detentrici tal-karta tal-Passaport Eston bin-numru A A0539945 u li hija residenti gewwa Experience Centre, Ta' Xbiex Waterfront, Ta' Xbiex XBX1027; Illi, il-kirja tal-vettura in kwistjoni kienet ghal perjodu ta' tlett

ijiem, b'mod li din kellha tittermina fl-10 ta' April 2014 (*vide* Dok. A); Illi b'imperizja, traskuragni, nuqqas ta' hila, jew xort' ohra b'negligenza l-konvenuta Epp Aasaru saqet il-vettura b'mod li harqet il-*clutch* tal-vettura wara biss ftit sieghat li kienet ilha ssuqha; Illi meta ma setghetx tkompli ssuq il-vettura, cemplet lir-rapprezentant tas-socjeta' attrici fejn qaltlu li kienet ser thalli l-vettura fejn kienet (Ghawdex) u tigi lura. Qaltlu li hu kien ta[ha] vettura ma tahdimx sew; Illi kif ser jirrizulta mit-trattazzjoni tat-talba, il-konvenuta kissret il-vettura u garbitilha hafna hsara u s-socjeta' attrici barra li nkorriet l-ispejjez ghat-tiswija tilfet ghaxart (10) ijiem kirja (*vide* Dok. B) meta din kienet ghadha kif issewwiet (*vide* Dok. C); Illi kemm-il darba mitluba sabiex tersaq ghal hlas ta' dawn l-ammonti, sahansitra bil-fomm kif ukoll bil-miktub, il-konvenuta baqghet inadempjenti;

Ghaldaqstant l-Onorabbli Tribunal [qieghed] [j]intalab:

1. [J]iddikjara il-konvenuta unikament responsabbli ghal hsarat kagunati minnha fil-vettura bin-numru EBK 884;
2. [J]illikwida d-danni emergenti sofferti mis-socjeta' attrici fl-ammont ta' erba' mija u hamsa u ghoxrin Euro u tmienja u hamsin centezmu (€425.58);
3. [J]illikwida d-danni ta' cessazjoni ta' lukru ta' ghaxart (10) ijiem kirja sofferti mis-socjeta' fl-ammont ta' mitejn Euro (€ 200) bir-rata specjali ta' ghoxrin Euro (€ 20) kull gurnata [minflok bir-rata kummercjali ta' seba' u tletin Euro u hamsin centezmu (€ 37.50)];
4. [J]ikkundanna lill-konvenut[a] ghal[l-] hlas tas-somma tad-danni hekk likwidati a tenur tat-tieni u t-tielet talba.

Bl-ispejjez kollha, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tad-29 ta' Ottubru 2014 u l-imghax legali kollha kontra l-konvenut[a] li hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuta, li permez taghha eccepiet (i) Illi b'mod preliminari, l-konvenuta ressqet talba quddiem it-Tribunal tal-Konsumatur ghad-danni sofferti rizultanti mill-kirja in kwistjoni. Illi l-atturi f'dawn il-proceduri ressqu l-istess pretensjonijiet hawn dedotti fil-konfront tal-konvenuta in kontro-talba fit-Tribunal tal-Konsumatur. In vista ta' dan, saret talba quddiem it-Tribunal tal-Konsumatur sabiex ikun dak it-Tribunal li jiehu konjizzjoni u jiddeciedi fir-rigward tal-pretensjonijiet kollha dedotti quddiem l-istess Tribunal ai termini tal-Att dwar il-Konsumatur, inkluz ghalhekk il-pretensjonijiet kollha dedotti f'din il-kawza, liema talba ghada mhix deciza. Ghalhekk, dawn il-proceduri ghandhom jigu mwaqqfa sakemm tali talba tigi deciza, u f'kaz li tali talba tigi milqugha, sakemm jigu konkluzi u decizi l-proceduri quddiem it-Tribunal tal-Konsumatur; (ii) Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt; (iii) Illi m'huwiex minnu li l-konvenuta saqet il-vettura in kwistjoni b'mod negligenti, b'imperizja, b'nuqqas ta' hila jew bi traskuragni; (iv) Illi l-vettura in kwistjoni ma kienitx idoneja, jew fil-kundizzjoni li tintuza, ghall-iskop li giet mikrija; (v) Illi l-konvenuta ma kkawzat l-ebda danni lir-rikorrenti jew min minnhom; (vi) Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra l-verbal tas-seduta tat-13 ta' Marzu 2015, li permezz tieghu ordna illi tigi trattata u deciza l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta, u ghalhekk ordna illi jitressqu l-provi dwar din l-ewwel eccezzjoni, u li jkun hemm l-inverzjoni tal-provi.

Ra l-verbal tas-seduta tat-8 ta' April 2015, fejn il-kawza giet diferita ghad-decizjoni dwar l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenuta, u dan wara illi l-konvenuta naqset milli tattendi ghas-smiegh tal-kawza u naqset milli tressaq provi in sostenn tal-eccezzjoni sollevata minnha.

Ikkunsidra,

Illi din is-sentenza tittratta dwar l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenuta li permezz taghha talbet illi dawn il-proceduri jigu sospizi pendenti ezitu fi proceduri bejn l-istess partijiet dwar l-istess mertu illi jinsabu pendenti quddiem it-Tribunal tal-Konsumatur.

Illi tali eccezzjoni ta' *lis alibi pendens* giet sollevata mill-konvenuta ai termini tal-provvedimenti tal-Artikolu 792 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta; illi minkejja l-allegazzjoni sollevata mill-konvenuta dwar proceduri ohra li setghu gew proposti quddiem Tribunal iehor, u minkejja illi l-istess konvenuta nghatat l-opportunita' sabiex tressaq il-provi taghha in sostenn ta' tali dikjarazzjoni, din naqset milli tressaq tali provi. Illi minkejja dak li gie dikjarat mill-konvenuta fir-risposta taghha, u cioe' illi "... *saret talba quddiem it-Tribunal tal-Konsumatur sabiex ikun dak it-Tribunal li jiehu konjizzjoni u jiddeciedi fir-rigward tal-pretensjonijiet kollha dedotti quddiem l-istess Tribunal ...*", madanakollu, dan it-Tribunal ma gie mgharraf b'ebda decizjoni li setghet ittiehdet in rigward mit-Tribunal tal-Konsumatur, u l-ebda ordni f'dan is-sens ma ngabet a konjizzjoni tieghu.

Illi ghalkemm ma jkunx desiderabbli illi jkun hemm duplikazzjoni ta' proceduri li jittrattaw l-istess mertu ta' din l-azzjoni bejn l-istess partijiet, kemm quddiem it-Tribunal odjern u dak tal-Konsumatur, madanakollu, fin-nuqqas ta' prova

dwar l-allegat stat ta’ fatt, dan it-Tribunal m’ghandux ghazla ohra hlief illi jastjeni milli jiehu konjizzjoni tal-eccezzjoni sollevata mill-konvenuta.

Ghaldaqstant, filwaqt illi ghar-ragunijiet premessi t-Tribunal qed jastjeni milli jiehu konjizzjoni tal-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenuta, qed jordna l-proseguiment tas-smiegh tal-kawza.

Jirrizerva li jipprovdi dwar l-ispejjez fis-sentenza finali.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------